**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Każ Nru: 4239/2022

**Il-Pulizija**
(Spettur Hubert Gerada)

Vs

**Henok Amanuel**
(Detentur tan-numru tal-Pulizija 20N-046)
**Hanif Rahman Nayan**
(Detentur tan-numru tal-Pulizija 20B-008)
**Mosiur Bepari**
(Detentur tan-numru tal-Pulizija 20G-002)

**Illum, 11 ta' Ġunju 2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużati **Henok Amanuel**, **Hanif Rahman Nayan** u **Mosiur Bepari** u ċioè talli nhar l-10 ta' Ġunju, 2022, u jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gżejjer;

1. Iffalsifikaw, biddlu jew għamlu xi tibdil f’passaporti, jew użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi passaport, li huma kienu jafu li ġew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom;

2. Kif ukoll talli xjentement għamlu użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati;

3. Kif ukoll mingħajr awtorità leġittima użaw jew kellhom, fil-pussess tagħhom xi dokumenti, meħtieġ għall-finijiet ta’ dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba wkoll sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużati irreġistraw ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom. Illi fid-dawl ta’ din l-ammissjoni, u bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-tweġiba u ngħataw żmien xieraq sabiex, jekk iridu, jerġgħu lura minnha.

Semgħet lill-akkużati jikkonfermaw l-ammissjoni tagħhom wara li ddikjaraw li ngħataw żmien suffiċjenti sabiex jirrikonsidraw.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena, inkluż li l-akkużati ikkooperaw bi sħiħ mal-uffiċjali tal-Pulizija;

Kopja Informali ta' Sentenza.

Ikkonsidrat:-

Illi l-akkużati ammettew l-akkuża kollha miġjuba fil-konfront tagħhom u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħhom, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużati ħatja tal-akkuża kollha miġjuba fil-konfront tagħhom kif minnhom ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tosserva li l-akkużat ikkoperaw bis-sħiħ mal-uffiċjali investigattivi u rreġistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

Illi jirriżulta li l-akkużati kienu miżmuma f'ċentru ta' detenzjoni u ġew rilaxxati minn dan iċ-ċentru biss ftit tax-xhur ilu. Huma ġew interċettati f'Gate 3, ġewwa d-*Departures' Lounge* fl-arjuport ta' Malta fil-mument li kienu ser jaqbdu titjira lejn Bologna. Huma ġew interċettati minn uffiċjali fi ħdan id-*Departures' Lounge* fil-mument li ppreżentaw u għamlu użu mid-dokumenti foloz. F'dak il-mument l-uffiċjali tal-Pulizija ġew informati b'dan kollu u marru fuq il-post għal aktar investigazzjoni fejn minn hemm ġie stabbilit li d-dokumenti wżati mill-akkużati kienu foloz. Hemmhekk, huma ġew arrestati mill-uffiċjali tal-pulizija.

Illi fil-każ *de quo*, jirriżulta li l-akkużati mhux talli kellhom fil-pussess tagħhom id-dokumenti foloz, talli għamlu użu minnhom billi qatgħu il-biljetti tal-ajru u ppreżentaw l-istess dokumenti lill-uffiċjali tal-ajruport. Filfatt, kieku ma kienx għall-intervent f'waqtu ta' dawn l-uffiċjali, kieku l-akkużati kien jirnexxielhom fil-pjan tagħhom u jaqbdu t-titjira lejn pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea. Illi ta' min jinnota wkoll li l-akkużati ġew rilaxxati miċ-ċentru ta' detenzjoni ftit xhur ilu.

Illi għalkemm l-akkużat ġew interċettati *in flagrante delicto*, huma kkowoperaw bis-sħiħ mal-forzi tal-ordni u ammettew l-involviment tagħhom mal-ewwel. Huma ammettew għall-akkuża miġjuba quddiemhom anke quddiem din il-Qorti u reġgħu tennew l-ammissjoni tagħhom anke wara li l-Qorti reġgħet spjegat il-konsegwenzi tal-ammissjoni tagħhom u huma rrikkonfermaw l-ammissjoni tagħhom.

Kopja Informali ta' Sentenza.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikolu 5 tal-Ordinanza Dwar il-Passaporti, Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta; l-Artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Att Dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet ammissjoni inkondizzjonata tagħhom qed issib lill-istess **Henok Amanuel**, **Hanif Rahman Nayan** u **Mosiur Bepari ħatja** tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom u tikkundannaħ għal perjodu ta' **disa' xhur** priġunerija effettiva kull wieħed.

Inoltre, in vista tal-ammissjoni bikrija tal-akkużati u tal-fatt li ma tqabbdu ebda esperti u/jew periti f'dan il-każ, il-Qorti ma tarax il-ħtieġa tal-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ft. Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharon Borg**
**Deputat Reġistratur**